Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/36*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 36 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar l-Erbgħa 16 ta' Diċembru, 2015 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

Preżenti kien hawn ukoll l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ is-Sur Matthew Attard.

**1. Talba**

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

**2. Laqgħa Pubblika**

Il-Minuti tal-Laqgħa Pubblika qed jiġu annessi ma' dawn il-Minuti.

**3. Approvazzjoni tal-Minuti 7-35**

Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**4. Budget 2016**

Dan id-dokument kien tqassam lill-membri kollha tal-Kunsill u ġie diskuss ukoll waqt il-laqgħa pubblika li nżammet aktar kmieni illum. Il-Kunsill reġa' iddiskuta l-Budget għas-sena 2016 li ġie approvat unanimament.

**5. Business Plan 2016-2018**

Dan id-dokument kien tqassam lill-membri kollha tal-Kunsill u ġie diskuss ukoll waqt il-laqgħa pubblika li nżammet aktar kmieni illum. Il-Kunsill reġa' iddiskuta l-Business Plan għas-snin 2016/2018 li ġie approvat unanimament.

**6. Attivitajiet għal żmien il-Milied**

Il-Kunsill iddiskuta dwar il-preparamenti li qed isiru biex jiġu organizzati l-attivitajiet tal-Milied. Kif kien maqbul fl-aħħar laqgħat l-attivitajiet ser isiru fil-Museum u fis-sala tal-Knisja. Is-Segretarju informa lill-Kunsill li ser isir tibdil fil-ġranet meta jiġu organizzati l-attivitajiet għar-raġuni li kelna parteċipanti li ma setgħux jattendu l-Ħadd 27 ta' Diċembru. Issa l-attivitajiet ser isiru nhar it-Tnejn 28 ta' Diċembru għal kulħadd, it-Tlieta 29 ta' Diċembru għat-tfal (fil-Museum) u l-Erbgħa 30 ta' Diċembru għall-anzjani. Is-Segretarju qal li ser isiru l-avviżi biex kulħadd ikun infurmat dwar dan it-tibdil.

Dwar l-attivita li ser issir meta l-President ta' Malta l-E.T. Marie Louise Coleiro Preca iżżur ir-raħal tagħna bħala parti mill-kampanja ta' ġbir ta' fondi b'risq il-Community Chest Fund is-Sindku ippropona sabiex isir ġbir ta' flus bieb bieb madwar ir-raħal mill-membri tal-Kunsill flimkien mal-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ, il-Kunsill taż-Żgħażagħ u l-Kumitat tal-Festa. Il-flus miġbura jiġu preżentati mis-Sindku lill-Presidenti ta' Malta waqt l-attivita tal-20 ta' Diċembru. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 7. Offerti

Il-Kunsill kien ħareġ tlett sejħet għall-offerti li kienu jgħalqu illum 16 ta' Diċembru. Fil-kaxxi tal-offerti sal-ħin tal-egħluq intefgħu dawn:-

i. **Tender No 2015-04 - Cleaning and Maintenance of Public Convenience using environmentally friendly products.** Il-Kunsill irċieva żewġ offerti li huma ta' Chris Zammit (€2,800) u ta' Maria Attard (€2,866).

ii. **Tender No 2015-05 – Street and Road Cleaning Services in an environmentally friendly manner.** Il-Kunsill irċieva tlett offerti li huma ta' Godfrey Borg (€11,912.00), Chris Zammit (€11,500.00) u ta' Mark Zammit (€11,300.00).

iii. **Tender No 2015-06 – Bulky Refuse Collection in an environmentally friendly manner.** Il-Kunsill irċieva żewġ offerti li huma ta' Chris Zammit (€3,000.00) u ta' Godfrey Borg (€8.23).

Il-Kunsill qabel li għandu jinħatar Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti sabiex iħejji rapport lill-Kunsill. Is-Sindku ippropona li Dr Joshua Grech, Dr Roberta Cassar u l-Perit Mario Cordina sabiex ikunu l-membri tal-Bord ta' Evalwazzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku u għalhekk ser isiru l-kuntatti meħtieġa sabiex jibda l-proċess ta' evalwazzjoni tal-offerti.

## 8. Korrispondenza

8.01 Memo 33/2015 – Direttiva – Ftehim mal-iskemi dwar ġbir ta' skart separat.

8.02 Memo 34/2015 – Kuntratti dwar Latrini Pubbliċi.

8.03 Memo 35/2015 – Talbiet għal servizzi mill-MITA (Malta Information Technology Agency).

8.04 Id-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv Ruben Cassar ġie maħtur bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali tax-Xewkija.

8.05 Is-Sur Silvio Frendo (Asst. Direttur fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali) informa lill-Kunsilli li ser jiżdiedu żewġ access points għall-WIFI f'kull lokalita. Għalhekk il-Kunsill ġie mitlub jissuġġerixxi fejn jistgħu isiru dawn il-Wifi Access Points. Il-Kunsill qabel li dawn jistgħu isiru fi Triq San Publija fejn il-Kapella ta' San Publiju u fi Triq il-Fanal fejn il-Villaġġ turistiku Tal-Fanal.

8.06 Is-Sur Pio Farrugia (Asst. Direttur fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali) informa lill-Kunsill li l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2016 se tkun €169,181.

**9. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-36 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**10. Materja oħra**

10.01 Peter Buttiġieġ ta' Triq il-Knisja talab sabiex il-lampa li hemm central hanging fejn il-post tiegħu tinqala u teħel mal-genb tat-triq mal-post tiegħu stess li għandu faċċata. Huwa qal li l-ventijiet li hemm imwaħlin qed jagħmlulu ħsara mal-faċċata u għalhekk irid li jinqalgħu. Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni dwar dan u għalhekk ser issir applikazzjoni mal-Enemalta sabiex isir ix-xogħol meħtieġ.

10.02 Christian Attard ta' Triq Wied L-Għasri informa lill-Kunsill li parti minn Triq il-Kanun (fejn kien inbena ħajt mill-ħaddiema tal-Gvern) kienet ċediet u għalhekk hemm bżonn li tingħata ftit konkos. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ mill-ħaddiema tas-CMU.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar l-Erbgħa 27 ta' Jannar, 2016 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-7.45p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |